

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

ECHA/NA/12/07

L-ECHA taġġorna l-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar

Ġie ppubblikat aġġornament minuri tal-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar li jinkludi arranġamenti għall-imperfezzjonijiet u notifiċi riċevuti jew aġġornati sas-7 ta' Marzu 2012.

Helsinki, 29 ta' Marzu 2012 – L-ECHA aġġornat l-Inventarju Pubbliku tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar (C&L) b'informazzjoni riċevuta sas-7 ta' Marzu 2012. B'dan l-aġġornament l-inventarju jinkludi notifiċi għal 96 425 sustanza.

L-ECHA irranġat ukoll ftit imperfezzjonijiet fl-Inventarju: Notifiċi li jikklassifikaw b'mod esklużiv lil sustanzi bħala karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) jew tossiċità għall-organu speċifiku mmirat (STOT) huma issa inklużi, kif ukoll numri CAS għal sustanzi NONS inklużi fl-Anness VI għar-Regolament CLP. Limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi (SCL) u fatturi ta' multiplikazzjoni (Fatturi-M) li kienu neqsin għal xi iskrizzjonijiet dwar l-Anness VI issa żdiedu wkoll.

Notifiċi għal sustanzi EINECS dikjarati bħala "mhux klassifikati" ma setgħux ikunu inklużi f'din ir-riġenerazzjoni ta' dejta. L-utenti jingħataw il-parir li jkomplu jikkonsultaw id-dejtabejż ta' disseminazzjoni tar-reġistrazzjonijiet REACH għalihom.

Il-pubblikazzjoni tal-Inventarju hija objettiv prinċipali stabbilit fir-Regolament CLP u tirrappreżenta stadju sinifikanti lejn it-trasparenza fir-rigward tal-perikli fiżiċi, għas-saħħa jew ambjentali, ta' sustanzi kimiċi. L-Inventarju jipprovdi rikkezza ta' informazzjoni mill-industrija dwar kif dawn ikklassifikaw b'mod awtonomu s-sustanzi kimiċi u juri kif xi kumpaniji kklassifikaw l-istess sustanza b'mod differenti. L-ECHA la vverifikat u lanqas kkontrollat il-kwalità tal-informazzjoni ppubblikata fl-Inventarju dwar il-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar.

Aktar informazzjoni

Inventarju Pubbliku tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar:
<http://echa.europa.eu/information-on-chemicals/cl-inventory>

Mistoqsijiet u Tweġibiet tal-Inventarju dwar il-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar:
<http://echa.europa.eu/support/faqs/q-a-on-the-public-cl-inventory>

Skeda Informattiva tal-Inventarju dwar il-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar:
http://echa.europa.eu/documents/10162/13566/factsheet_public_classification_labeling_en.pdf